

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-
mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefont jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

ISBN: 978-92-9240-682-0

ISSN: 1977-2564

doi 10.2802/574546

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

Dr Eusebio Rial González

Fis-sena 2014, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tilfet membru tal-persunal ferm maħbub u rispettat. Dr Eusebio Rial González, Kap tal-Unità għall-Prevenzjoni u r-Riċerka, miet bil-marda tal-kanċer fit-18 ta' Diċembru fl-età ta' 48 sena biss. Sa minn meta ngħaqad mal-EU-OSHA fl-2003, huwa kien fuq quddiem nett tal-ħidma tagħha biex ittejjeb is-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa u kien strumentali f'ħafna proġetti ewlenin: il-Kampanja 2014–15 dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa — Inqas Stress għal Aktar Saħħa fuq ix-Xogħol; l-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER); l-Għodda għall-Valutazzjoni tar-Riskji Interattiva Onlajn (OiRA); u l-pjattaforma tal-internet OSHwiki. Mhux biss kien kollega stmat ħafna, iżda għal ħafna minna kien ukoll ħabib għażiż u se nħossu ħafna n-nuqqas tiegħu.



Is-sena li ntemmet b'tant dispaċir kienet bdiet bi stennija għal ħafna affarijiet: il-programm strateġiku pluriennali ġdid tal-EU-OSHA għall-2014–20 ġie adottat, fejn ġiet provduta stampa ċara ta' kif l-aħjar li jiġu promossi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) f'ambjent tan-negozju diffiċli. Irċevejna rikonoxximent ta' livell għoli u appoġġ għax-xogħol tagħna f'Jannar meta Martin Schulz, il-President tal-Parlament Ewropew, għamel żjara uffiċjali f'Bilbao biex jitgħallem b'mod dirett dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija. Fil-31 ta' Marzu, László Andor, Kummissarju Ewropew għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, inawgura l-bini ġdid tagħna fid-distrett ta' Miribilla ta' Bilbao. Fl-istess ġurnata, ġie ffirmat il-Ftehim tas-Sede bejn l-EU-OSHA u r-Renju ta' Spanja, u dan assigura li Bilbao tkun darna fuq terminu twil. U f'Ġunju, ġie adottat il-ferm mistenni Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2014-20. L-għanijiet strateġiċi tiegħu huma ferm konformi mal-oqsma ewlenin ta' ħidma tal-EU-OSHA.

1 Nantiċipaw il-bidla

Fl-2014, l-EU-OSHA ppubblikat analiżi sinifikanti li tirriżulta mill-aħħar proġett ta' tbassir tagħna fuq skala kbira: '[Riskji attwali u emerġenti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol \(OHS\) fis-settur tal-kura tas-saħħa, inkluż il-kura fid-dar u fil-komunità](#)'. Din tenfasizza l-isfidi li jħabbat wiċċu magħhom is-settur, inkluża ż-żieda fid-domanda għall-kura tas-saħħa u l-bżonn ta' iżjed kura fit-tul, in-nuqqas ta' professjonisti ta' ħila u bl-esperjenza, u ż-żieda fl-użu ta' teknoloġija li teħtieġ ħiliet ġodda.

Jekk inħarsu lejn il-proġett ta' tbassir li jmiss, ġie ppubblikat rapport importanti ieħor: is-sejbiet ta' studju dwar il-kamp ta' applikazzjoni tax-xejriet emerġenti fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ('[Studju dwar il-kamp ta' applikazzjoni għal tbassir dwar riskji u sfidi ġodda u emerġenti fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol \(OHS\)](#)'). It-tliet suġġetti identifikati li għandhom il-potenzjal li jkunu s-suġġett tal-istudju ta' tbassir li jmiss kienu: l-impatt tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fuq l-OHS; ix-xejriet fil-ġestjoni tar-riżorsi umani; u l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

L-identifikazzjoni u l-issettjar ta' prijoritajiet għar-riċerka jippermettu koordinazzjoni aħjar tar-riċerka u użu iżjed effiċjenti tar-riżorsi. Għal dan l-għan, bħala parti mill-proġett tagħna li ilu għaddej dwar il-prijoritajiet tar-riċerka dwar l-OHS, l-EU-OSHA għażlet il-prijoritajiet ewlenin identifikati fir-[rapport tal-2013](#) tagħna u ħejjiet dokumenti ta' pożizzjoni dwar dawn is-suġġetti, pereżempju 'il-prevenzjoni bid-disinn', bil-għan li tgħolli l-profil tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-komunità tar-riċerka.



2 Fatti u ċifri

Ix-xogħol fuq il-post għat-tieni edizzjoni ta' ESENER, ESENER-2, intemm mal-mira fl-2014. Saru madwar 50 000 intervista f'36 pajjiż, li jirrappreżentaw żieda sinifikanti fid-daqs tal-kampjun meta mqabbel mal-ewwel edizzjoni. Ir-rapporti dwar is-sejbiet għandhom isegwu fl-2015. F'Jannar 2014, ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn [evalwazzjoni ta' wara t-test tal-ESENER-1](#) ġew ippubblikati u dawn ġew inkorporati fl-ESENER-2.



Ir-riżultati preliminari tal-proġett pilota taħt il-mandat tal-Parlament Ewropew 'Xogħol aktar sigur u b'saħħtu f'kull età – is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ' ġew ippreżentati f'konferenza fil-Parlament Ewropew f'Diċembru 2013, u l-[proċedimenti](#) ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-EU-OSHA f'Jannar 2014. FI-2015 se ssir analiżi ulterjuri tar-riżultati u f'Settembru se ssir konferenza finali. L-importanza ta' dan is-suġġett hija tali li se tkun it-tema għall-Kampanja tal-2016–17 dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa — *Postijiet tax-Xogħol li Jieħdu Ħsieb is-Saħħa f'Kull Età*.

Ix-xogħol inizjali għall-proġett 'Intejbu s-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fl-intrapriżi mikro u żgħar fl-Ewropa' tlesta fl-2014. L-għan huwa li jiġu identifikati l-kundizzjonijiet ewlenin li joħolqu ambjent li fih il-ġestjoni tal-OHS tista' tittejjeb b'mod sinifikanti. Analiżi komprensiva se tiġi ppubblikata fl-2015.

F'Jannar, l-EU-OSHA organizzat seminar f'Pariġi dwar ir-riskji reprotossiċi, f'assoċjazzjoni mal-

ANSES, l-Aġenzija Franċiża għall-Ikel, l-Ambjent u s-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali. Rapport tal-metodoloġija dwar il-kanċer relatat max-xogħol, '[Esponiment għall-karċinoġeni u l-kanċer relatat max-xogħol: analiżi tal-metodi ta' valutazzjoni](#)', ġie ppubblikat fl-aħħar tas-sena. Sar seminar ieħor fi Brussell f'Ottubru, din id-darba biex jagħti bidu għal studju fuq skala kbira dwar il-piż okkupazzjonali tal-mard. Wieħed mis-suġġetti enfasizzati kien is-sistemi ta' kontroll u ta' twissija. Dawn jidentifikaw il-mard mhux attwalment elenkat bħala okkupazzjonali imma li jista' jirriżulta li huwa relatat max-xogħol. Identifikazzjoni bikrija tqajjem sensibilizzazzjoni u tfisser li l-ħaddiema affettwati minn dan il-mard huma aktar probabbli li jiġu kkompensati.

Żewġ rapporti sinifikanti dwar il-ħidma tal-Aġenzija fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-OHS ġew ippubblikati fl-2014: f'Mejju, '[Nistmaw l-ispejjeż tal-aċċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol: analiżi tal-metodoloġiji](#)', segwit minn laqgħa tal-esperti biex jiddiskutu s-sejbiet f'Ġunju; f'Settembru, '[Il-każ kummerċjali għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol: analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ta' interventi f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju](#)' għamel każ konvinċenti għal ġestjoni tajba tal-OHS, segwit minn konferenza aktar tard dak ix-xahar, '[Ninvestu fl-OHS: kif il-benefiċċji jegħlbu l-ispejjeż](#)'.

3 Għodda għall-ġestjoni tal-OHS

FI-2014, l-OiRA għamlet passi kbar: Ġew ippubblikati 47 għodda ġodda, li qabżu l-mira ta' 35, u 30 oħra qed jiġu żviluppjati. Ġew organizzati erbatax-il seminar biex jipromwovu l-OiRA jew għodod settorjali speċifiċi lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). F'Diċembru, konferenza li saret taħt l-awspiċi tal-Presidenza Taljana tal-Kunsill tal-UE ('Kif jiġu kkombinati t-tkabbir u l-kompetittività tal-intrapriżi fi żminijiet ta' kriżi filwaqt li jiġu promossi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol') inkludiet sessjoni ta' ħidma ddedikata għall-OiRA. Iżjed rikonoxximent tas-sinifikat tagħha wasal meta saret enfasi fuqha fil-Qafas Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol bħala kontribut ewleni fl-għajjnuna għall-SMEs biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-OHS.

4 Sensibilizzazzjoni

Il-Kampanja tal-2014–15 dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa, Inqas Stress għal Aktar Saħħa fuq ix-Xogħol, tnediet fis-7 ta' April fil-Kummissjoni Ewropea fi Brussell. Is-sit web tal-kampanja, b'riżorsi f'25 lingwa, tnedia fl-istess ġurnata. Il-ġurnata ta' wara, saret laqgħa dwar is-sħubija fil-kampanja u tnediet l-offerta tas-sħubija uffiċjali fil-kampanja. Iżjed minn 100 sieħeb fil-kampanja ngħaqdu mal-iskema u iżjed minn 30 sieħeb tal-midja ġew milqugħa biex jgħinu fil-promozzjoni tal-kampanja.

Ispirata mis-suċċess tal-ewwel sessjoni ta' ħidma ta' valutazzjoni komparattiva, li saret matul il-kampanja tal-2012–13, l-EU-OSHA ffurmat grupp ta' tmexxija u seħħew tliet avvenimenti oħra fl-2014, ospitati mill-Heineken, il-LEGO u t-Toyota. Tliet avvenimenti oħra ospitati mill-kumpaniji diġà huma pjanati għall-2015.

Il-Premijiet Ewropej ta' Prattika Tajba huma l-enfasi ta' kull Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa. Għall-ewwel darba, l-edizzjoni attwali tal-Premijiet kienet miftuħa għas-sħab uffiċjali tal-kampanja. Ir-rebbieħa ntgħażlu minn 50 entrata magħżula għal konsiderazzjoni ulterjuri f'laqgħa tal-ġurija f'Jannar 2015, u ċ-ċerimonja tal-Premijiet hija mistennija li sseħħ f'April 2015.

Il-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol saret bejn l-20 u l-24 ta' Ottubru, b'mijiet ta' avvenimenti u attivitajiet li jiffukaw fuq il-ġestjoni tal-istress relatat max-xogħol organizzati matul il-ġimgħa kollha. Il-punt fokali ta' Spanja waħdu organizza iżjed minn 50 inizjattiva — minn korsijiet ta' taħriġ u seminars sa wiri ta' films u avvenimenti għall-midja.

L-EU-OSHA tappoġġja l-punti fokali nazzjonali tagħha permezz tal-Pakkett ta' Għajnuna għall-Kampanja Ewropea u l-provvista ta' ġid kbir f'termini ta' materjal tal-kampanja: 88 720 oġġett bil-marka tal-kampanja, 476 125 pubblikazzjoni f'25 lingwa, 62 stand tal-kampanja u 15-il kitt tal-wirja tqassmu fl-2014.

Filmkien mal-gwida, il-fuljett u l-flyer uffiċjali tal-kampanja, l-outputs ewlenin għall-kampanja tal-2014–15 kienu l-film [Napo f'... Meta jolqtok l-istress](#); il-[Gwida elettronika għall-ġestjoni tal-istress u tar-riskji psikosoċjali](#); l-analiżi tal-ogħla livell [Nikkalkulaw l-ispiża tal-istress relatat max-xogħol u tar-riskji psikosoċjali](#); u rapport ippubblikat b'mod konġunt mal-Eurofound, [Riskji psikosoċjali fl-Ewropa: prevalenza u strateġiji għall-prevenzjoni](#).



Paul Lacoste, ir-rebbieħ tal-Premju tal-Films għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa 2014 fil-Festival Internazzjonali ta' Leipzig għad-



Christa Sedlatschek, Direttur, EU-OSHA; Lászlá Andor, Kummissarju għall-Impjegi, l-Affarjiet Soċjali u l-Inklużjoni; Vasilis Kegeroglou, Deputat Ministru fil-Ministeru tax-Xogħol, is-Sigurtà Soċjali u l-Assistenza Soċjali, Rappreżentanta tal-Prezidenza Griega tal-UE, matul il-konferenza stampa tat-tnedija tal-Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa fi Brussell, April 2014.

Diġà beda x-xogħol fuq il-kampanja tal-2016–17 dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa, *Postijiet tax-Xogħol li Jieħdu Ħsieb is-Saħħa f'Kull Età*, li tiffoka fuq il-promozzjoni tax-xogħol sostenibbli u t-tixjiħ f'saħħtu. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-għanijiet tal-kampanja ġew maqbula, u l-EU-OSHA kkummissjonat l-iżvilupp ta' gwida elettronika online biex tappoġġja l-intrapriżi fil-ġestjoni tal-OHS fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ.

Għas-sitt sena konsekuttiva, l-EU-OSHA sponsorjat il-Premju tal-Films għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa fil-festival tal-films dokumentarji tad-DOK Leipzig f'Novembru. Il-premju ntrebaħ mill-film *Harvest* ta' Paul Lacoste, li jsegwi grupp ta' ħaddiema

staġjonali li jgħbru l-għeneb fin-nofsinar ta' Franza. Il-film intgħażel għar-riflessjoni tiegħu dwar id-dinja tax-xogħol prekarja u li qed tinbidel u r-rilevanza tiegħu għat-tema tal-kampanja tal-2014–15 — stress relatat max-xogħol. L-Aġenzija għamlet ukoll is-sottotitoli fi 13-il lingwa tal-film rebbieħ preċedenti — *C(us)todians* ta' Aly Muritiba, dwar il-ħajja tax-xogħol f'ħabs Brażiljan — u qassmitu lill-punti fokali.

Wara l-proġett pilota b'suċċess fl-2013, l-inizjattiva 'Napo għall-għalliema' ġiet estiża fl-2014. Immirat lejn it-tfal tal-iskola primarja, fl-età ta' bejn is-7 u l-11-il sena, il-pakkett online jipprovdi riżorsi biex jgħinu lill-għalliema jintroduċu lit-tfal għas-saħħa u s-sigurtà minn età bikrija. L-evalwazzjoni tal-inizjattiva ġiet ikkummissjonata fl-2014 u r-riżultati se jiġu ppubblikati fl-2015.

Wieħed mill-avvenimenti ta' importanza tal-2014 kien l-attenzenza tal-EU-OSHA fl-XX Kungress Dinji dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fi Frankfurt, 24–27 ta' Awwissu. L-istand tal-Aġenzija espona l-OSHWiki, l-OiRA u l-Kampanja tal-2014–15 dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa. Il-persunal kien involut f'seba' sessjonijiet, inkluż simpożju dwar ir-riskji psikosoċjali, organizzat mill-Aġenzija.



L-XX Kungress Dinji dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2014, Frankfurt

5 Għarfien tan-netwerking

Bit-tnedija tagħha fl-XX Kungress Dinji dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fi Frankfurt, [OSHWiki](#) hija l-ewwel pjattaforma tal-internet li tippermetti lill-utenti jgħbru u jikkondividu l-għarfien dwar l-OHS b'mod kollaborattiv, u tipprovdi lill-komunità tal-OHS mod ġdid ta' netwerking online. L-artikli jinkitbu biss minn awturi akkreditati biex jinżammu l-awtorità u l-integrità tas-sit. OSHWiki hija ddisinjata biex tipprovdi informazzjoni affidabbli dwar is-suġġetti ewlenin kollha tal-OHS, u artikli ġodda tal-OSHWiki qed jiġu kkontribwiti l-ħin kollu. It-tnedija ġġenerat ħafna interess u kopertura mill-midja, u 'l fuq minn 100 awtur ġdid ġew akkreditati fl-2014.

6 Netwerking u komunikazzjoni



Għall-ewwel darba, fl-2014, il-Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa kienet appoġġjata minn kampanja integrata tal-midja soċjali, inkluż prodotti tal-kampanja żviluppati speċifikament għall-midja soċjali, bħal infografika u vidjows. Iċ-ċifri inizjali kienu inkoraġġanti ħafna: fl-ewwel erba' xhur wara t-tnedija tal-kampanja, in-numru ta' żjarat fuq is-sit web tal-kampanja kien tliet darbiet ikbar minn dak għall-istess perjodu matul il-kampanja preċedenti.

Fil-bidu tas-sena, il-kont tal-YouTube tal-EU-OSHA kellu ferm iżjed minn 1 000 abbonat, il-paġna tal-Facebook tagħha

kellha iżjed minn 17 000 like, il-kont tat-Twitter kellu 11 500 segwaċi, u kellha 5 290 segwaċi fuq LinkedIn — kollha żdiedu b'mod sostanzjali meta mqabbla mas-sena preċedenti.

Il-prototip tas-sit web il-ġdid tal-Aġenzija ntwera fl-XX Kungress Dinji dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fi Frankfurt f'Awwissu, b'antiċipazzjoni tat-tnedija tas-sit web korporattiv il-ġdid fl-2015. Sadanittant, 46 teaser fuq l-internet ġew ippubblikati matul l-2014 biex jipromwovu pubblikazzjonijiet, attivitajiet u avvenimenti u 11-il blog post topiċi ġew ippubblikati.

F'termini ta' netwerking internazzjonali, il-finanzjament għall-proġett tal-EU-OSHA biex tappoġġja l-pajjiżi koperti mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) intemm fit-30 ta' Novembru 2014. L-appoġġ kien jinkludi l-għoti ta' informazzjoni, it-traduzzjoni ta' materjali ewlenin u l-appoġġ finanzjarju għall-punti fokali nazzjonali biex jivvjaġġaw għal seminars u laqgħat. L-Aġenzija tipprovdi wkoll appoġġ billi ttella' l-profil tal-punti fokali nazzjonali, pereżempju billi tipprovdi kelliema ewlenin mill-EU-OSHA fil-konferenzi dwar l-OHS f'pajjiżi tal-IPA. Qed jintalab finanzjament ulterjuri sabiex il-proġett ikun jista' jtkompla fl-2015 u lil hinn.

Fi Frar 2014, l-EU-OSHA bdiet proġett ġdid, iffinanzjat taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), li joffri l-opportunità lil 16-il pajjiż sieħeb fin-nofsinhar u fil-lvant tal-UE biex jibnu relazzjoni privileġġata mal-UE. Bħala parti minnu, il-pajjiżi sħab jistgħu jieħdu sehem fil-ħidma tal-aġenziji bħall-EU-OSHA. L-Aġenzija stabbilixxiet kuntatti fil-Viċinat Ewropew, saru żjarat f'numru ta' pajjiżi u materjali ewlenin qed jiġu tradotti fil-lingwa tal-pajjiżi sħab. Fl-2015, se jsiru seminars u sessjonijiet ta' ħidma għar-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-PEV f'Bilbao.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE
(http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntattja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sigur, aktar f'saħħtu u aktar produttiv. L-Aġenzija twettaq riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Imwaqqa mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija ġġib flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegatui u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri u lil hinn minnhom.

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

12 Santiago de Compostela,

E-48003 Bilbao, Spanja

Tel. +34 944358400

Faks +34 944358401

Posta elettronika: information@osha.europa.eu

<http://osha.europa.eu>